MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' April, 2003

Citazzjoni Numru. 1724/1998/1

**Fiona Gatt Aquilina**

**vs**

**Jesmond Gatt**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti kkontrattaw iz-zwieg bejniethom fid-29 ta' Lulju 1995, mill-liema zwieg hemm zewgt itfal Larissa ta' erba` snin u Matthew li llum ser jaghlaq tlett snin;

Illi z-zwieg ta' bejn il-kontendenti tfarrak irrimedjabbilment minhabba minaccji, ngurji gravi, theddid, sevizzji u

adulterju da parti tal-konvenut u minhabba nkompatibilita` serja ta' karattru;

Illi l-attrici giet awtorizzata tipprocedi b'din l-istanza permezz ta' digriet moghti mill-Onorabbli Sekond'Awla tal-Qorti Civili tat-30 ta' April 1998;

Ghalhekk l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali *a mensa et thoro*, bejn il-kontendenti minhabba ragunijiet fuq premessi u rikonoxxuti mill-ligi;

2. Tafda il-kura u kustodja tal-minuri Larissa u Matthew f'idejn l-attrici, bi dritt ta' access stabbilit ghall-konvenut;

3. Tiffissa retta alimentari xierqa pagabbli mill-konvenut ghall-minuri msemmija;

4. Tillikwida u xxolji l-Komunjoni ta' l-Akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tiddividi l-istess f'zewg porzjonijiet ugwali assenjati wahda kull wiehed lill-kontendenti, *occorrendo* bl-opera ta' periti nominandi;

5. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att relattiv u kuraturi deputati biex jirrapprezentaw l-eventwali kontumaci.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa` minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni **attrici** a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 9 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-**konvenut** Jesmond Gatt tad-9 ta' Marzu 2000 fejn gie eccepit:-

(1) Illi l-eccipjenti jaqbel li ghandha tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti izda mhux ghar-

ragunijiet moghtija mill-attrici u ghalhekk qieghed jipprocedi permezz ta’ l-annessa kontro-talba;

(2) Illi ghat-tkissir irrimedjabbli taz-zwieg hija responsabbli l-attrici li rrendiet ruhha hatja t’adulterju, eccessi, sevizzji, minaccji u ngurji gravi kontra l-eccipjenti, kif jirrizulta ahjar waqt is-smiegh tal-kawza;

(3) Illi mhux fl-ahjar interess tal-minuri li l-kura u kustodja tal-minuri Larissa u Matthew tkun fdata f’idejn l-attrici;

(4) Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-**konvenut** a fol. 25 sa 26 tal-process;

Rat il-kontro-talba tal-**konvenut** a fol. 27 fejn gie premess:-

Illi l-partijiet izzewgu fit-29 ta’ Lulju 1995 u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal, Larissa u Matthew li t-tnejn ghadhom minuri;

Illi l-attrici rikonvenzjonata rrendiet ruhha hatja fil-konfont tal-konvenut t’adulterju, eccessi, sevizzji, minaccji u ngurji gravi;

Illi l-partijiet otjenew id-debita awtorizzazzjoni mis-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili sabiex ikunu jistghu jipprocedu b’kawza ghas-separazzjoni personali, liema awtorizzazzjoni nghatat permezz ta’ digriet tat-30 ta’ April 1998;

Illi ghalhekk l-istess konvenut talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tippronunzja u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet gravi u tortijiet imputabbli lill-attrici rikonvenzjonata, fosthom adulterju, eccessi, sevizzji minaccji u ngurji gravi;

2. Tafda l-kura u kustodja tal-minuri Larissa u Matthew f'idejn il-konvenut u tistabbilixxi dritt ta' access ghall-attrici rikonvenzjonata;

3. Tiffissa manteniment ghall-imsemmija minuri skond il-mezzi ta' l-attrici rikonvenzjonata u l-htigijiet ta' l-istess minuri, liema manteniment ikun pagabbli mill-attrici fil-jum, hin u lok stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti;

4. Ixxolji u tittermina l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet;

5. Prevja n-nomina ta' periti nominandi sabiex jistmaw il-propjeta` mobbli u immobbli, formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet, tillikwida l-assi ezistenti fl-istess komunjoni ta' l-akkwisti;

6. Tassejna n-nofs indiviz ta' l-imsemmija assi lill-konvenut, bin-nomina ta' nutar biex jircievi l-att opportun u kuratur sabiex jirrapprezenta l-kontumaci fuq l-istess att;

7. Tillikwida l-assi parafernali tal-konvenut u tassenjahom lill-istess konvenut;

8. Tapplika kontra l-attrici rikonvenuta s-sanzjonijiet kontemplati fid-dispozizzjonijiet ta' l-**artikoli 48 u 51 tal-Kodici Civili**;

Bl-ispejjez kontra l-attrici rikonvenuta li hi minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tat-8 ta' Marzu 2000 a fol. 27a tal-process;

Rat li l-konvenut gie notifikat fil-Gazzetta tal-Gvern tat-Tlieta, 28 ta' Marzu 2000 a fol.29 u permezz ta' l-affissjoni (a tergo fol. 22);

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-**attrici** rikonvenzjonata tat-3 ta' April 2000, ghall-kontro-talba tal-konvenut a fol. 31 fejn gie eccepit:-

1. Illi hija taqbel illi ghandha tigi dikjarata separazzjoni personali bejn il-partijiet ghar-ragunijiet indikati minnha fl-att tac-citazzjoni u mhux ghal dawk imsemmija fil-kontro-talba tal-konvenut.

2. Illi t-tieni talba tal-konvenut rikonvenjenti ghandha tigi michuda, u l-kura u kustodja tal-minuri Larissa u Matthew ghandha tigi fdata f'idejn l-eccipjenti, kif jinghad fl-att tac-citazzjoni.

3. Illi isegwi ghalhekk ukoll, illi t-tielet talba maghmula in rikonvenzjoni, ukoll ghandha tigi michuda.

4. Illi r-raba`, il-hames, is-sitt u s-seba` talbiet maghmula in rikonvenzjoni m'humiex opposti.

5. Illi t-tminn talba hija opposta *stante* li ma jezistux l-estremi rikjesti mill-ligi sabiex jigu applikati s-sanzjonijiet kontemplati fl-**artikoli 48 u 51 tal-Kodici Civili** fil-konfront ta' l-eccipjenti, u fil-fatt jirrizulta li tali estremi jezistu biss fil-konfront ta' l-istess konvenut rikonvenjenti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-**attrici** rikonvenzjonata tat-3 ta' April 2000 u l-lista tax-xhieda a fol. 32 u 33 tal-process;

Rat l-avviz tas-smiegh tal-kawza tal-15 ta' Gunju 2000 fejn il-kawza giet differita ghall-14 ta' Novembru 2000;

Rat il-verbali ta' l-14 ta' Novembru 2000 fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Deborah Farrugia bhala Assistent Gudizzjarju sabiex tigbor il-provi u fejn il-Qorti ordnat lill-attrici sabiex tinnotifika lill-konvenut bir-rikors taghha tas-6 ta' Novembru 2000 li jkollu erbat ijiem ghar-risposta bl-intiza li r-rikors jinstemgha separatament minn din il-kawza;
ta' l-20 ta' April 2001; tas-27 ta' Settembru 2001; tas-26 ta' Frar 2002; tat-23 ta' Mejju 2002 fejn Dr. Rachel Montebello talbet li taghmel nota t'osservazzjonijiet, liema talba giet milqugha u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta' Novembru 2002; u tat-28 ta' Novembru 2002

fejn il-kawza giet differita ghat-30 ta' April 2003 peress li l-Qorti kellha bzonn aktar zmien ghall-prolazzjoni tas-sentenza.

Rat ir-rikors ta' l-**attrici** tas-17 ta' Awissu 1999 fejn talbet lill-Qorti sabiex tordna n-notifika tac-citazzjoni u ta' l-avviz tas-smiegh tal-kawza lill-konvenut, wara l-hinijiet legali u bil-procedura ta' l-affissjoni fil-kaz ta' riferta negattiva;

Rat id-digriet ta' l-20 ta' Awissu 1999, fejn il-Qorti tilqa` t-talba ghan-notifika wara l-hinjiet legali.

Rat ir-rikors ta' l-**attrici** fejn titlob lill-Qorti sabiex tordna l-affissjoni tac-citazzjoni u ta' l-avviz tas-smiegh tal-kawza lill-konvenut;

Rat id-digriet tal-15 ta' Frar 2000 fejn il-Qorti tilqa` t-talba;

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assitent Gudizzjarju nhar il-21 ta' Frar 2001; it-23 ta' April 2001; il-11 ta' Gunju 2001; it-18 ta' Settembru 2001 fejn xehed Robert Cutajar; is-7 ta' Novembru 2001; il-21 ta' Jannar 2002; l-4 ta' Marzu 2002; is-17 ta' April 2002 fejn xehedu l-konvenut Jesmond Gatt u Carmen Gatt ukoll in kontroezami u l-partijiet iddikjaraw li m'ghandhomx provi aktar.

Rat in-nota ta' l-**attrici** tat-22 ta' Frar fejn ipprezentat l-affidavit taghha stess u dokumenti mmarkati Dok. "TA 1" sa Dok. "TA 9";

Rat in-nota ta' l-**attrici** tat-23 ta' April 2001 fejn ipprezentat l-affidavits ta' Josephine Aquilina u Fedele sive Teddy Aquilina;

Rat in-nota tal-**konvenut** tas-7 ta' Mejju 2001 fejn irrizerva l-kontroezami ta' Josephine Aquilina u ta' Fedele sive Teddy Aquilina;

Rat l-avviz tat-30 ta' Jannar 2002 fejn il-kawza giet differita quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace;

Rat in-nota tal-**konvenut** ta’ l-4 ta’ Marzu 2002 li permezz taghha pprezenta l-affidavits tieghu stess, ta’ Doreen Saliba, Anna Cucciardi, Gaetana Gatt, Pawlu Gatt u Jesmond Sultana;

Rat in-nota ta’ l-**attrici** tad-19 ta’ April 2002 fejn permezz taghha pprezentat zewg dokumenti li huma mmarkati bhala Dok. “FGA1” u Dok. “FGA2”;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ l-**attrici** tat-3 ta’ Lulju 2002 a fol. 126 sa 136 tal-process;

Rat ir-rikors tal-**konvenut** tat-22 ta’ Awissu 2002 fejn talab awtorizzazzjoni sabiex jipprezenta nota ta’ sottomissjonijiet tieghu wara li kien skada t-terminu prefiss lilu sabiex jipprezentaha;

Rat id-digriet tat-22 ta’ Awissu 2002, fejn il-Qorti tilqa` t-talba u testendi t-terminu tal-prezentata tan-nota ta’ sottomissjonijiet b’sebat ijiem zmien u bin-notifika lill-kontroparti;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-**konvenut** tad-29 ta’ Awissu 2002 a fol. 140 sa 150;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONJIET.</u>

### A) <u>PROVI PRODOTTI.</u>

L-attrici **Fiona Gatt Aquilina**, fl-affidavit taghha stess tghid:-

*“Illi jiena ltqajt ma’ Jesmond meta kien ghad kelli biss sittax-il sena u dan kien fl-1992. Ghalkemm izzewwigna tlett (3) snin wara, cjoe’ fid-29 ta’ Lulju 1995, fil-frattemp ahna kellna tifla li twieldet, f’Dicembru ta’ l-1993 u li semmejniha Larissa. Fi zmien sena miz-zwieg taghna,*

*jigifieri f'Lulju 1996, ahna kellna wkoll tifel li semmejnih Matthew.*

*Illi l-problemi fil-hajja matrimonjali taghna bdew sa minn qabel ma twieled Matthew. Fil-fatt, l-inkwiet il-kbir beda f'Ottubru ta' l-1995, tlett (3) xhur biss wara li zzewwigna. Nghid hekk ghax din kienet l-ewwel darba li Jesmond rafa' jdejh fuqi. Niftakar li l-glieda kollha nqalghet ghax jien kont qed naghmel il-facendi u Jesmond kien qed jara t-television. Ommu kienet iggibilna l-hobz, u Jesmond pretenda li ghandi ninzel jien ghall-hobza. Jien ghidtlu biex jinzel hu, u ma riedx. Kelma ggib lill-ohra u f'nofs hafna ghajjat u tghajjir, wara xi siegha, beda jaghtini bil-ponn go rasi. Minn fuq kien cempel lil ommi biex igerger ghax qal li tatu tifla ghazziena.*

*Illi minn dakinhar 'l hemm, il-glied taghna, li kien ikun ta' spiss, kien dejjem l-istess - jibda minn argumenti fuq ix-xejn, normali ta' bejn il-mizzewgin, li pero' kienu jispiccaw f'xenati u tghajjir u Jesmond jerfa' jdejh fuqi.  Fil-fatt, is-swat beda jzid aktar ma jmur iz-zmien.*

*Illi l-affarijiet komplew imorru ghall-aghar meta twieled Matthew, li ma harigx jixbah lil miissieru.  Matthew huwa bjond u ghajnejh blu, bhal ma hi ommi, u anke xi nies fil-familja ta' Jesmond stess. Imma Jesmond kien, ghal kull haga ta' xejn malli jkollna xi nghidu, ighidli ti t-tfal mhux minn tieghu. Ghal xejn kont nghidlti li mhux veru, ghax kien jghaddilu ghall-ftit, u mbaghad jerga' jibda. Nergghu niggieldu, u jerga' jerfa' jdejh fuqi. Darba anke refa' jdejh fuq Larissa ghalkemm l-imgieba tieghu mat-tfal kienet ferm ahjar mill-imgieba tieghu lejja. Veru li qatt ma kien close mat-tfal, specjalment maz-zghir, imma ta' lanqas ma kienx jittrattahom hazin.*

*Illi jiena bqajt nissapporti fiz-zwieg, avolja l-affarijiet ma kienu sejrin sew xejn. Imma biz-zmien, l-incidenti vjolenti bdew isiru aktar spissi u aktar gravi.  Imbaghad, f'Jannar 1998 kellna xi nghidu, u Jesmond kisser siggu fuqi. Meta rajt hekk, jiena ndunajt li kont ser nispicca hazin f'din il-hajja. Dak il-lejl irqadt id-dar peress li Jesmond kien xoghol ta' bil-lejl, imma l-ghada ftaht qalbi ma' ommi u*

*missieri, u ddecidejt li ghall-gid tieghi u tat-tfal, kien se jkolli nitlaq mid-dar. Fil-fatt, minn dakinhar ma rgajtx lura d-dar, u ghadni nghix ghand ommi u missieri sa llum.*

*Illi fi Frar 1998, kont mort inkellem l-Avukat, li ssuggerielna wkoll illi mmorru counselling, anke minhabba illi sa dan it-tant, Larissa kienet qed tbati bil-hmar il-lejl, u kont bdejt inkellem lil Mariella Blackman dwarha. F'seduti mieghi, Jesmond qatt ma gie, imma naf li darba wahda mar wahdu ghand Ms. Blackman, imma mbaghad ma marx iktar. Allura, bqajna ghaddejjin.*

*Illi d-digriet tas-Sekond'Awla kien tani manteniment ta' hamsa u disghin Lira Maltin (Lm95) fix-xahar ghat-tfal. Jesmond is-soltu kien ihallas regolarment, imma s-sena l-ohra kien hemm okkazjonijiet fejn ma thallastx, u allura kelli naghmel rikors sabiex il-manteniment tat-tfal jibda jigi mnaqqas mis-salarju ta' Jesmond fejn jahdem mad-Dowty Q'Rings International. Imma lli Jesmond qatt majsibuh id-dar il-marixxalli, u allura ghadna ghaddejjin bin-notifika.*

*Illi s-salarju ta' Jesmond fiz-zmien li nfridna kien madwar tlett mitt Lira Maltin (Lm300) gross kull hmistax, liema ammont kien jinkludi wkoll xi hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm25) li kien jaqla' overtime. Jien bil-manteniment li nircievi nhallas ghall-ikel u bzonnijiet bazici tat-tfal, izda lanqas ma jien imqar f'pozizzjoni illi nikri post fejn noqghod, u mn'Alla zammewni l-genituri tieghi.*

*Illi ghall-hwejjeg, spejjez ta' l-iskola u affarijiet simili, gieli jghinuni ommi u missieri. U f'daz-zmien kollu, Jesmond baqa' joqghod fil-kumdita' kollha fid-dar taghna. Jien llum nikkalkola li biex inzommhom sew lit-tfal, apparti dak li nonfoq jien fuqhom mill-paga tieghi stess, Jesmond ikun irid jaghtini mhux inqas minn mija u tietin Lira (Lm130). U l-ispejjez ta' l-iskola u tas-sahha, jekk jinqala' xi haga, inkunu nistghu naqsmuhom nofs bin-nofs. Ovvjament, biz-zmien, il-htigijiet tat-tfal jizdiedu.*

*Illi fuq l-access tat-tfal, is-Sekond'Awla lil Jesmond kienet tatu hinijiet nhar ta' Tnejn, l-Erbgha u l-Gimgha bejn l-4.00 p.m. u s-7.00 p.m. u nhar ta' Hadd bejn is-2.00 p.m. u s-*

*7.30 p.m. imma, mill-ewwel ftit granet, Jesmond beda` jonqos milli jigi ghat-tfal. Ghall-ewwel kont naghmel rapport l-Ghassa dwar dan, imbaghad, ma bqajtx, ghalkemm inzomm notamenti tieghi ta' meta jigi u ma jigix. U iktar ma jghaddi z-zmien, iktar inaqqas. Ghall-ewwel it-tfal, specjalment Larissa, tghidx kemm kienet tkun dizappuntata, imma issa draw. Daz-zmien, il-Hdud Jesmond ma jigi ghalihom qatt lit-tfal. Fost il-gimgha, ma jigix regolarment - normalment jigi biss jekk iccempillu Larissa tiffittah - altrimenti ma jigix. Dan l-ahhar, qisu kien qed jigi nhar t'Erbgha u nhar ta' Gimgha. Imma nofs qalb. Anke meta t-tifla kellha l-birthday, lanqas biss imqar cemplilha. Ma nafx kif jippretendi li nihduh bis-serjeta' meta jghid li jrid jiehu l-kura u l-kustodja tat-tfal.*

*Illi dwar il-proprjeta' li ahna kellna bhala mizzewgin, nghid:*

*(a) Id-dar fejn konna noqghodu Westham, Flat 2, Triq ic-Cawsli, Qormi, xtrajniha ftit qabel izzewwigna u hadna self ta' hdax-il elf Lira Maltin (Lm11,000) mill-Lohombus Corporation. Id-depozitu ta' hamest elef Lira Maltin (Lm5,000) kien hallasielna d-Daddy, ghax lanqas kellna minn fejn, u qalilna biex naghtuhomlu aktar tard, ghaliex minhabba li hemm huti, ma tahomlniex, imma silifhomlna. Fil-fatt, id-Daddy kien tana l-flus biex inkunu nistghu nhallsu d-depozitu ta' elfejn Lira Maltin (Lm2,000) lil Charles Cilia li minghandu xtrajna l-flat. Qed nipprezenta kopja ta' ricevuta li jiena tajt lid-Daddy, li qed tigi hawn annessa u esebita u mmarkata bhala Dok. "TA1". Barra minn hekk, id-Daddy kien ghamlilna wkoll draft minghand il-Lohombus Corporation fl-ammont ta' tlett elef Lira Maitin (Lm3,000) - qed nipprezenta kopja tar-ricevuta li permezz taghha d-Daddy ha l-flus mill-fondi tal-kumpanija biex ghaddihom lilna (Dok. "TA2"), ir-ricevuta relattiva mahruga mill-Lohombus Corporation (Dok. "TA3") u wkoll id-dikjarazzjoni tieghi fejn accettajt is-self minghand id-Daddy (Dok. "TA4"). Imbaghad xi gimghat wara, id-Daddy kien tana hames mitt Lira Maltin (Lm500) ohra, biex stajna nkopru l-ispejjez tal-kuntratt (Dok. "TA5"). Qed nipprezenta wkoll kopja tad-dikjarazzjoni fejn jien accettajt is-self minghand id-Daddy (Dok. "TA6"). Qed nipprezenta wkoll statements fuq iz-zewg kontijiet li fuqhom jidher is-*

*self li juri l-ammonti mhallsa sa llum u dak li baqghalna naghtu llum - Dok. "TA7" u Dok. "TA8".*

*(b) Flus depozitati fil-banek fiz-zmien meta sseparajna kellna b'kollox madwar tlett elef u seba' mitt Lira Maltin (Lm3,700) - seba' mija (700) Malta li kienu f'kont f'isem Jesmond, u l-bqija barra, mhadmin minn Calamatta Cuschieri Brokers. Qed nipprezenta kopja ta' l-istatement talkont illi ghandna ma' Calamatta Cushieri (Dok. "TA9");*

*(c) Imbaghad, kien hemm il-mobbli. Jien tlaqt b'xejn mid-dar. Meta konna qed nipprovaw niddiskutu biex forsi naslu ghal soluzzjoni bonarja, jiena kont issuggerejt illi Jesmond jiehu: -*

- *Il-wallunit*

- *Iz-zewg settijiet tat-televizjoni*
- *Kamra tas-Sodda taghna, li kienet gietna tminn mitt lira Maltin (Lm800), u*

- *Il-Karozza tal-marka Escort.*

*Illi minn naha l-ohra, jien tlabt li niehu: -*

- *L-affarijiet tal-kcina, in kwantu platti, tazzi, borom, frieket u skieken ecc.*

- *Half-table, li kienet tiswa hamsa u tmenin lira Maltija (Lm 85)*

- *Kamra tas-sodda tat-tfal li konna xtrajniha elf u hames mitt lira Maltija (Lm 1,500)*

- *T.V. Cabinet, li kienet tappartjeni lill-Mama' tieghi*

- *Zewg sufanijiet three-seaters, li wkoll kienu tal-Mama' tieghi*

- *Xi affarijiet tad-deheb li kellha Larissa."*

Il-konvenut **Jesmond Gatt** fl-affidavit tieghu jghid:-

*“Illi fis-sena 1992 jiena kont iltqajt ma’ tfajla jisimha Fiona Aquilina u kont bdejt nohrog maghha. Dak iz-zmien jien kelli xi tmintax-il sena (18) u Fiona kellha sittax-il sena (16). Xi sitt xhur wara li ahna konna bdejna nohorgu flimkien Fiona kienet harget tqila bit-tarbija tieghi u fil-fatt kienet twieldet it-tifla taghna Larissa. Xi sena u nofs wara li din twieldet jiena u Fiona konna ddecidejna li nizzewgu u fil-fatt hekk ghamlina fid-29 ta’ Lulju, 1995.*

*Illi fil-bidu l-hajja taghna bhala mizzewgin kienet miexja tajjeb, normali, izda mbaghad ftit wara li twieled it-tifel taghna Matthew, Fiona kienet bdiet spiss tgerger illi kienet qed thossha li ser jaqbadha xi ‘breakdown’. Minhabba f’hekk jien kont nghidilha biex tibqa` fis-sodda u fil-fatt meta tqum din kien ikun ghaddielha. Imma tgergir kien jieqaf ghal ftit ghax mill-ewwel kienet terga` taqbad tgerger u thewden illi kien qed jaqbadha ‘breakdown’. Lili Fiona qatt ma qaltli ghaliex kienet qed thossha hekk u jien qatt ma nsistejt biex hi tghidli ghaliex kienet qed taghmel hekk. Darba minnhom ukoll cemplit lil ommha biex nghidilha li Fiona ma kenetx tiflah izda mbaghad ma bqajtx incemplilha ghaliex bzajt li kont ninkwieta lil ommha minhabba li anke din ta’ l-ahhar tbghati bil-‘breakdown’.*

*Illi l-mara tieghi minn dejjem kienet xi ftit tittraskura d-dar izda minn meta bdiet tgerger bil-‘breakdown’ aktar bdiet tittraskura kollox, inkluz, lili u t-tfal. Niftakar li lejlet il-Milied tas-sena l997 ahna konna suppost ser nohorgu izda Fiona kienet qaltli li qed thossha ma tiflahx u minhabba f’hekk ma hrigniex. Mbaghad fl-ahhar tas-sena niftakar li kelli tournament tax-xoghol u minhabba li jien kont ghajjien ma hassejtnix f’sikkti li nohrog. Meta Fiona saret taf li jien ma rridx nohrog hi xorta baqghet tinsisti u harget mal-hbieb taghha. Dakinhar jien hadt ghalija ghax f’qalbi ghidt illi minn fuq illi lejlet li-Milied ma hrigniex minhabba fiha mbaghad riedet bilfors tohrog allavoija kont ghajjien. Xi jumejn wara l-ewwel tas-sena 1998 Fiona qabdet minghajr kliem u minghajr ebda spjegazzjoni u marret torqod mat-tfal minghajr ma qaltli xejn.*

*Illi fl-istess zmien Fiona bdiet iggib il-kaxxi u tistiva l-affarijiet taghha fihom. Jien kont inhalliha taghmel ghaliex kont nghid ahjar ma nkellimha xejn la kienet qed thossha ma tiflahx. Spiss din kienet tittanta tipprovokani biex niggieldu izda jien dejjem zammejt lura. Kemm ilni naf lil Fiona jien qatt ma erfajt idi fuqha u dejjem ippruvajt nirranga xi argument bil-kelma t-tajba. Jien qatt ma tajtha bil-ponn fuq rasha kif qalet hi. Zgur li jien qatt ma tajtha xebgha siggu kif qalet hi ghax jien qatt ma missejtha.*

*Illi nixtieq nghid ukoll illi huwa veru li jien gieli ghidt lil Fiona li t-tifel iz-zghir taghna kien qisu mhux minn tieghi ghaliex kien bjond izda jien dan kont nghidu b'cajta. Fil--fatt jidher car illi t-tifel hareg jixbah lil missier ommi. Gieli kienu jigu xi hbieb u jaraw it-tifel u dawn bic-cajt kienu jghiduli li mhux minn tieghi ghax kien bjond izda jien qatt ma ghamilt dawn ir-rimarki bis-serjeta`.*

*Illi fl-ahhar ta' Jannar tas-sena 1998 Fiona telqet mid-dar u marret toqghod ghand ommha. Hija hadet it-tfal maghha. Fl-4 ta' Frar mbaghad rcevejt il-karti ghas-separazzjoni. L-Imhallef kien baghatna 'counselling' u jien ghall-bidu bdejt immur. Kont immur ghand Ms. Blackman. Wara ftit izda jien ma stajtx nibqa` mmur ghaliex kienet qed tigi gholja wisq, tminn liri Maltin kull meeting.*

*Illi permezz ta' digriet tas-Sekond'Awia jien kont ordnat inhallas hamsa u disghin lira Maltin (Lm95) fix-xahar bhala manteniment u jien dejjem hekk ghamilt sa llum-il gurnata. Ghall-ewwel kont bdejt inhallas permezz ta' drafts tal-Bank mbaghad ommi ghamlet 'cheque book' u bdejt inhallas bih. Il-manteniment jien dejjem hallastu regolarment, jekk gieli kien hemm xi dewmien dan kien biss ta' xi ftit granet u dan ghaliex gieli, biex ma noqghodx immur biex intiha l-manteniment biss, kont nistenna li tigi l-gurnata tieghi biex nara t-tfal u c-cekk intih lilha dakinhar. Id-differenza kienet tkun biss ta' xi jumejn u mhux aktar. Ir-rikors li hija ghamlet biex il-manteniment jithallas mill-fabbrika ma kienx hemm bzonnu ghaliex kif jidher mid-dokumenti tal-bank, il-manteniment jien dejjem hallastu (Dok. "JG 1" sa Dok. "JG 15").*

*Rigward il-propjeta' illi jiena u Fiona kellna bhala mizzewgin nghid illi:*

*1. Huwa vera li d-dar fejn konna noqghodu jigifieri "Westham", Flat 2, Triq ic-Cawsli, Qormi konna xtnajniha ftit qabel iz-zwieg taghna u ssellifna hdax il-elf lira Maltin (Lm11,000) mill-Lohombus Corporation. Id-depozitu ta' hamest elef lira Maltin (Lm5,000) li konna hallasna fuq din id-dar kont hallastu jien u mhux missierha. Fil-fatt hallast tlett elef lira Maltin (Lm3,000) jien u tawni elfejn lira Maltin (Lm2,000) il-genituri tieghi. Minn naha taghha Fiona ma kienet hallset xejn. Kont hallast elfejn lira maltin (Lm2,000) lli Charles Cilia li minghandu xtrajna l-flat imbaghad tlett elef lira Maltin (Lm3,000) hallasthom lill-Lohombus. L-ircevuti ta' flus li Fiona semmiet fix-xhieda taghha u li hi qalet li taghhomlha missierha jien qatt ma smajt bihom jew rajthom. Nghid izda li missierha lilna qatt ma taghna flus ghad-dar. Kemm domna mizzewgin dejjem jien hallastu l-pagament tal-Lohombus u dawn it-tlett (3) snin li ilna separati bqajt naghmel hekk sa llum-il gumata. Il-Perit, is-sena l-ohra, ghamel valutazzjoni tad-dar u stmaha li tiswa' tlieta u ghoxrin elf, seba' mija u hamsin lira Maltin (Lm23,750). Ghad iridu jithallsu tmint elef lira Maltin (Lm8,000) fuq din id-dar f'pagamenti ta' tlieta u sebghin lira Maltin (Lm73) fix-xahar.*

*2. Bhala flus nghid illii fiz-zwieg konna ddepozitajna l-ammont tlett elef lira Maltin (Lm3,000) bejn zewg 'stocks' barra minn Malta (ma' Calamatta Cuschieni Brokers). Dawn fil-fatt diga` huma maqsumin bejnietna u sahansitra l-imghax johrog separat. Nghid izda li jien infurmat li hi mhux qed tmur ghalihom.*

*3. Rigward mobbli nghid illi jien naqbel illi niehu l-wallunit u l-kamra tas-sodda taghna. Nghid izda illi z-zewg settijiet tat-televizjoni kienu tieghi qabel izzewwigt. Il-karozza Escort hija t'ohti u ma taghmilx parti mill-komunita' ta' l-akkwisti u llum hija skrepjata. Naqbel ukoll illi hi tiehu l-affarijiet tal-kcina bhala platti, tazzi, borom, frieket u skieken etc, il-half-table, il-kamra tas-sodda tat-tfal, it-T.V. cabinet u z-zewg sufanijiet three-seaters. Fir-rigward tad-*

*deheb tat-tifla, Larissa din kienet diga` haditu kollu meta telqet mid-dar. Kienet hadithom quddiem il-Pulizija stess.*

*4. Irrid nghid ukoll illi meta Fiona telqet mid-dar din kellha xi flus go kontijiet il-bank li kienu wkoll parti mill-komunita' ta' l-akkwisti. Dawn il-kontijiet huma:*

| | |
|---|---|
| *HSBC:* | *854122886* |
| *HSBC:* | *854222894* |
| *HSBC:* | *854133853* |
| *HSBC:* | *854133861* |

*Nghid izda li jien ma nafx kemm kellha flus fihom meta hija telqet. Jien qatt ma hadt xejn minn dawn il-flus."*

Illi apparti dawn l-affidavits tal-partijiet gew prezentati diversi affidavits ohra ta' xhieda tal-partijiet inkluzi dawk ta' Josephine Aquilina u Fedele sive Teddy Aquilina u ta' Doreen Saliba, Anna Cucciardi, Gaetana Gatt, Pawlu Gatt, u Jesmond Sultana, apparti xhieda *viva-voce* ta' Robert Cutajar u kontroezamijiet tal-partijiet u ta' xhieda ohra li ghalihom issir referenza mill-atti processwali.

## (B) APPREZZAMENT TA' PROVI.

Illi din hija sentenza dwar citazzjoni attrici u kontro-talba tal-konvenut fejn il-partijiet ghalkemm qed jaqblu li hemm ragunijiet bizzejjed sabiex huma jisseparaw minn xulxin *ex lege* kif fil-fatt huma separati diga` *de facto* mill-bidu tal-proceduri quddiem dawn il-Qrati, huma mhux qed jaqblu fuq ir-ragunijiet ghaliex ghandha tigi pronunzjata tali separazzjoni b'dan li kull parti qed twahhal fl-ohra.

Illi fil-fatt l-attrici u l-konvenut qed jattribwixxu lil xulxin tortijiet naxxenti minn minaccji, eccessi, sevizzji, ngurji gravi u wkoll adulterju, apparti inkompatabilita` ta' karattru.

Illi mill-provi prodotti jidher li z-zewg partijiet ma ppruvawx l-allegazzjonijiet kontra xulxin ghar-rigward ta' adulterju, u

ghalhekk it-talbiet reciproci tal-partijiet fuq dan il-punt mhux qed jigu milqugha *stante* li bl-ebda mod ma gew sostanzjati.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-allegazzjoni attrici dwar l-istess jinghad li addirittura m’hemmx il-minimu ta’ prova, tant li jekk wiehed ihares lejn in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ l-attrici jidher car li lanqas hi ma semmiet dan l-aggravju b’xi mod. Ghal dak li jirrigwarda l-allegazzjoni tal-konvenut dwar adulterju allegatament kommess mill-attrici jidher li kull ma jissemma huwa biss li l-konvenut u membri tal-familja tieghu raw lill-attrici ma’ persuna, certu Brian, wara li hija kienet abbandunat id-dar konjugali, pero` bl-ebda mod ma jista’ jinghad li tali xhieda tista’ twassal lil din il-Qorti ghall-konvinciment morali li l-attrici kkommettiet adulterju anke jekk wara li hija abbandunat, jew kienet kostretta sabiex titlaq mid-dar konjugali, u ghalhekk anke dan l-aspett fil-kontro-talba tal-konvenut ma giex similment ippruvat.

Illi dwar ir-ragunijiet l-ohra ghalfejn intalbet is-separazzjoni bonarja mill-partijiet rispettivament, din il-Qorti thoss li x-xhieda ta’ l-attrici hija hafna aktar verosimili minn dik tal-konvenut u thoss li abbazi tal-provi prodotti jidher car u pruvat konkludentement li l-konvenut immaltratta sew lill-martu w anke kien hati versu taghha ta’ vjolenza domestika, tant li din kienet ir-raguni unika u principali ghaliex l-attrici kienet kostretta li titlaq b’uliedha b’kollox mid-dar konjugali, sagrificcju li jidher li l-attrici ilha ssofrieh minn meta nbdew il-proceduri quddiem dawn il-Qrati, li kwazi jammontaw ghal hames snin shah. Fil-fatt tul dan il-perjodu ghalkemm l-istess dar konjugali hija proprjeta` komuni tal-partijiet jidher illi din giet gawduta *pendente lite* mill-istess konvenut, li jidher li m’ghamel xejn sabiex b’xi mod jekk jakkomoda almenu lil uliedu tul dan il-perjodu kollu, u dan *nonostante* dak li huwa jissottometti fin-nota tieghu dwar l-interess tieghu ghall-*benessere* ta’ wliedu.

Illi minn naha l-ohra l-verzjoni tal-konvenut dwar dak li allegatament kienet hajta ghalih l-attrici, konsistenti primarjament f’allegazzjonijiet li l-attrici ma kenitx tiehu hsieb id-dar u wkoll li hija ghaddiet minn fazi ta’

*depressions* apparti allegazzjonijiet ohra ta’ traskuragni ta’ uliedha stess, fl-opinjoni ta’ din il-Qorti dawn ma gew bl-ebda mod sostanzjati, u huma wkoll *inverosimili* u dan anke ghaliex jidher li l-konvenut ghadu sa llum ma jafx ghaliex l-attrici telqet mid-dar. Jekk hu veru dan, ghaliex jidher mill-provi li huwa m’ghamel l-ebda tentattiv sabiex b’xi mod jirranga ma’ martu. U wkoll jekk huwa qed jghid li l-attrici addirittura mmaltrattat lit-tfal, ghaliex f’dan iz-zmien kollu m’ghamel l-ebda pass sabiex huwa jiehu kura u kustodja ta’ l-istess ulied, jew almenu jilqaghhom f’daru? Mhux hekk biss, izda jidher li *nonostante* li l-Qorti fis-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili kienet issuggeriet lill-partijiet li jaghmlu *counselling*, dan il-konvenut waqfu peress li sostna li ghal kull sessjoni din kienet qed tigih gholja ghax Dr. Blackman kienet qed izzomm tminn liri Maltin (Lm8) ghal kull *meeting* (fol. 101).

Illi certament li din mhux raguni valida ghaliex il-konvenut ma segwiex kors ta’ *counselling,* la darba huwa jidher sorpriz ghaliex dan iz-zwieg sfaxxa, u dejjem kellu l-oppzjoni li jissugerixxi li l-*counselling* isir anke tramite agenziji ohra li jofru dan is-servizz, bhal per ezempju l-Agenzija Appogg. Dan ma jidhirx li ghamlu, u lanqas biss ikkunsidrah. Pero` li wara dan iz-zmien kollu u konvivenza ma’ persuna, li jigi l-konvenut, u jimplika li huwa misteru ghalih ghaliex dan iz-zwieg sfaxxa u jvanta diversi allegazzjonijiet fuq l-attrici bl-ebda mod sostanzjati, fl-opinjoni tal-Qorti jindika li l-konvenut f’dan l-aspett m’ghandux kredibilita`.
Illi ghalhekk din l-Qorti thoss li dan iz-zwieg tfarrak irremedjabbilment minhabba minacci, ngurji gravi, theddid, u sevizzi *da parte* tal-konvenut fuq l-attrici, l-ikbar fosthom, il-vjolenza domestika prattikata mill-konvenut u wkoll li ngurja lill-attrici li wiehed minn uliedu m’hiwiex tieghu, ghalkemm huwa jghid li dan kien qalu b’cajta. Minn naha l-ohra l-allegazzjonijiet tal-konvenut fil-kontro-talba tieghu riferebilment ghall-ewwel talba m’humiex qed jigu accettati.

Illi dwar il-kura u l-kustodja tal-minuri Larissa u Matthew, jidhru li fid-digriet tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili dawn baqghu fil-kura u l-kustodja ta’ l-omm, u jidher li

ghalkemm qed jghixu barra mid-dar konjugali m'hemm l-ebda lment dwar il-kura u l-kustodja ta' l-istess, u fil-fatt tul il-pendenza ta' dawn il-proceduri ma jidhirx li l-konvenut ikkontesta l-istess talba.

Illi veru li l-konvenut fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu u anke fix-xhieda tieghu u tal-familjari tieghu vvanta allegazzjonijiet li l-attrici kienet issawwat lil uliedha. Pero` kieku vera dan ma jispjegax ghaliex il-konvenut tul dawn il-proceduri kollha mhux biss ma talabx il-kura u l-kustodja ta' l-istess, izda baqa' jghix fid-dar matrimonjali wahdu u wkoll mill-hinijiet iffissati ghall-access tieghu ghall-imsemmija minuri skond id-digriet tas-Sekond' Awla tat-30 t'April 1998, huwa dan ma osservahx, u naqqas il-hinijiet minhabba raguni jew ohra meta huwa jara lit-tfal. Fil-fatt fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu jghid illi huwa ma segwiex dawn il-hinijiet ghaliex ma riedx jaqla' inkwiet izjed bejn il-partijiet, u dan fl-ahjar interess ta' l-ulied.

Illi huwa veru illi aktar ma t-tfal jaraw lill-genituri taghhom jaqblux fuq kwalunkwe haga, aktar w aktar fuqhom stess, dan jikreja fuq l-istess ulied *stress* insopportabbli, pero` jekk genitur ikun jaf u jhoss li t-tfal b'xi mod qed jigu msawta, certament li l-interess tal-minuri jindika li tali genitur ghandu jara jew isib mezzi biex dan ma jsirx. Fil-kuntest ta' dan kollu huwa wkoll importanti li wiehed jirrealizza li dak li l-Qorti trid tezamina, huwa l-interess suprem tal-minuri. Huwa biss f'dan l-ambitu li jidhol l-imsemmi dritt ta' access minn genitur, u mhux dritt *ad hoc* fih innifsu.

Illi kkonsidrat dan kollu, dak li allega l-konvenut u l-mod kif huwa agixxa, huma kontradittorji ghal xulxin, ghaliex min ghandu l-interess ta' l-ulied, u qieghed jghid li l-ulied qed isofru ma' genitur, ir-reazzjoni logika ghandha tkun li jaghmel dak legalment possibbli sabiex dan il-periklu jigi eliminat, u mhux addirittura inaqqas, hija x'hini r-raguni, mill-access li l-Qorti volontarjament ikkoncedietlu. Jekk vera l-istess access moghoti lill-missier ma kienx prattikabbli, kif qed jallega l-konvenut, xejn ma kien qieghed izommu milli jitolb varjazzjoni prattika ta' l-istess access. Minn dan il-konvenut m'ghamel xejn. Huwa inutli

llum li fin-nota ta’ sottomissjonijiet tieghu addirittura jinsisti fuq il-kura u l-kustodja ta’ uliedu, ghaliex certament li mill-provi prodotti dan ma jidhirx li huwa fl-interess ta’ l-istess minuri, anzi huwa fl-interess ta’ l-istess minuri, li l-kura u l-kustodja tal-minuri tigi fdata f’idejn l-attrici, kif effettivament kienet ghaz-zmien kollu ta’ l-istess proceduri, inkluz *pendente lite*.

Illi dwar l-access ghall-istess minuri, jidher li l-konvenut qed jezercitah kull nhar ta’ Erbgha u kull nhar ta’ Gimgha mill-4.00 p.m. sat-8.00 pm jew sad-9.00 p.m. anke jekk skond l-istess konvenut dan jiddependi jekk icemplulux it-tfal (fol. 42), Ghalhekk din il-Qorti taghti d-dritt ta’ access lill-konvenut fl-istess granet, mill-4.00 p.m. sat-8.00 p.m. u t-tfal jittiehdu u jingiebu mir-residenza ta’ l-attrici.

Illi tali kura u kustodja w access ghandha tigi ezercitata mill-partijiet bl-eskluzjoni ta’ terzi persuni tas-sess oppost li m’humiex parti mill-familja ta’ wiehed mill-kontendenti.

Illi ghal dik li hija manteniment mill-konvenut ghall-imsemmija minuri, jidher li l-manteniment attwali mhallas skond id-digriet tas-Sekond’ Awla huwa ta’ hamsa u disghin lira Maltin (Lm95) fix-xahar. Illi tenut kont tal-fatt li l-konvenut ghandu ntrojtu ta’ almenu hamest elef, tminn mitt lira u disgha u erbghin lira Maltija u tnejn u hamsin centezmu (Lm5,849.52) netti, u dan ikkalkolat ghas-sena 2000, kif jirrizulta minn fol. 46 tal-process, din il-Qorti thoss li tenut kont tal-fatt li tali paga netta fiz-zmien meta qed tinghata din id-decizjoni jista’ jkun li anke zdiedet, thoss li tali manteniment ghall-minuri ghandu jigi awmentat ghal mija u erbghin lira Maltija (Lm140) fix-xahar, pagabbli kull xahar bil-quddiem fir-residenza ta’ l-istess attrici, u l-Qorti tordna wkoll li tali rata ta’ manteniment ghandha titnaqqas direttament mill-paga ta’ l-istess konvenut mas-socjeta` Dowty Automotive (Malta) Ltd u tintbaghat direttament lill-istess attrici.

Illi gie allegat illi l-attrici ghandha xi mpjieg mas-socjeta` li fiha missierha jifforma parti, pero` provi dwar dan assolutament ma ngabu xejn, la minn naha u lanqas mill-ohra, u ghalhekk din il-Qorti abbazi tal-provi prodotti ma

tistax tilqa’ t-talba tal-konvenut ghall-manteniment mill-attrici ta’ l-istess minuri.

Illi dwar it-talba ghax-xoljiment tal-komunjoni ta’ l-akkwisti, din il-Qorti thoss li din ghandha tigi milqguha b’effett mid-data ta’ din is-sentenza, u mill-provi prodotti jirrizulta li l-kommunjoni ta’ l-akkwisti tikkonsisti mill-ghamara li hemm fid-dar matrimonjali, xi depoziti bankarji, nkluzi dawk mhadmin minn Calamatta & Cuschieri Brokers (Dok TA9), u dan apparti d-dar konjugali li jirrizulta li hija proprjeta` komuni u parafernali tal-partijiet, peress Ii nxtrat qabel iz-zwieg, u dejn fuq l-istess proprjeta` li fil-5 ta’ Settembru 2001 kien jammonta ghal sebat elef, sebgha mija u seba` u erbghin lira Maltija u tnejn u erbghin centezmu (Lm7,747.42) (Dok. “48”), u dan apparti dejn iehor fl-ammont ta’ seba` mitt lira Maltija u tnejn u tmenin centezmu (Lm700.82) kif jidher mid-dokument tal-Bank a fol. 49 u 50 tal-process.

Illi m’hemmx dubju li mill-provi prodotti jidher li l-istess dar matrimonjali tappartjeni nofs indiviz lil kull parti, m’hix divizibbli, u ghalhekk ghandu jigi ordnat il-bejgh in subbasta taghha, b’dan li wara li jithallas id-dejn kemm tal-komunjoni u kemm dak parafernali, li ser jigi ndikat aktar ‘il quddiem, ir-rikavat ghandu jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet.

Illi b’referenza ghal dak fuq deciz mir-rikavat ta’ l-istess bejgh tad-dar matrimonjali, ghandu jitnaqqas u li ghalhekk jithallas l-ewwel id-dejn li hemm mal-Banek fuq l-istess fond, u senjatament dak indikat mill-partijiet mid-dokumenti a fol. 70 sa 72 tal-process. Fil-frattemp sakemm isir tali bejgh il-konvenut ghandu jibqa’ jhallas ir-rati mensili dovuti fuq is-self mill-Bank fuq l-istess dar, b’dan li mir-rikavat il-konvenut ghandu jiehu wkoll tali pagamenti lura, li jkunu saru minnu mid-data tas-sentenza ‘l quddiem.

Illi qabel issir id-divizjoni tar-rikavat mill-partijiet ghandu jitnaqqas ukoll favur l-attrici s-somma ta’ hamest elef u hames mitt lira Maltija (Lm5,500) li hija jidher li harget sabiex jithallas id-depozitu ghall-akkwist ta’ tali fond qabel

iz-zwieg u wkoll sabiex isiru l-pagamenti ghas-self fuq l-istess dar, *stante* li fl-opinjoni ta' din il-Qorti, abbazi tax-xhieda prodotta mill-attrici u mill-ġenituri taghha msahha mid-dokumenti esebiti minnha, li jinsabu a fol. 64 sa 69 tal-process, jirrizulta li l-ġenituri taghha kienu selfuha l-istess ammont moghtija lilha f'aktar minn pagament wiehed sabiex hija tkun tista' thallas l-istess dejn u akkwist, w allura, dan huwa kreditu parafernali favur l-attrici li hija ghandha tigi rimbursata tieghu.

Illi dwar l-allegazzjoni da parti tal-konvenut li sabiex jigi akkwistat l-istess fond matrimonjali qabel iz-zwieg, huwa kien hareg is-somma ta' hamest elef lira Maltija (Lm5,000) billi dawn kienu nghataw lilu mill-ġenituri tieghu, din fl-opinjoni ta' din il-Qorti assolutament ma tirrizultax, ghaliex *nonostante* dak vantat mill-konvenut jidher li dwar l-istess hemm kontradizzjonijiet shah bejn il-konvenut u l-ġenituri u familjari tieghu, u bizzejjed wiehed jirreferi ghall-affidavit tieghu fejn huwa qal li l-ġenituri tieghu kienu tawh elfejn lira Maltija (Lm2,000) u tqabbel dan max-xhieda ta' Carmen Gatt fejn hija qalet li lill-konvenut kienet taghtu erbat elef lira Maltija (Lm4,000), u dan terga' tqabblu max-xhieda ta' Doreen Sultana, oht il-konvenut, fejn din addirittura qalet li l-erbat elef lira Maltija (Lm4,000) ommha kienet taghthom lill-konvenut quddiemha.  Dan meta omm il-konvenut sostniet li tali pagamenti kienu saru ta' elfejn lira Maltija (Lm2,000) 'il wiehed.

Illi jidher u hija l-opinjoni tal-Qorti, wara li ezaminat ix-xhieda kollha bir-reqqa li din il-vantazzjoni tal-konvenut ma tirrizultax u possibbilment saret sabiex tinnewtralizza ghal kollox jew kwazi ghal kollox il-pretensjoni ta' l-attrici rigward il-kreditu parafernali taghha.

Illi dwar id-depositi bankarji u l-ammonti investiti kif indikat fid-dokument "TAD" a fol. 73 tal-process, dawn ghandhom jinqasmu bejn il-partijiet kif jidher li bejn il-partijiet hemm ftehim dwarhom.

Illi dwar l-effetti mobbli dawn ghandhom jigu maqsuma kif jidher li ftehmu l-partijiet b'dan li l-konvenut jiehu l-*wallunit*, zewg settijiet tat-*television*, kamra tas-sodda taghom, u

dak li baqa' mill-karozza Escort. Filwaqt li l-attrici ghandha tiehu l-affarijiet tal-kcina, *half table*, kamra tas-sodda tat-tfal, TV *cabinet* u zewg sufani *three-seaters*, kif indikat a fol. 62 u 63 tal-process. Dwar id-deheb tal-minuri, dan jidher li diga jinsab f'idejn l-attrici.

Illi ghall-iskopijiet tal-**artikolu 48** il-konvenut ghandu jiddekadi mid-drittijiet skond kif dispost fl-**artikolu 48 1 (a) (b)** u **(d) tal-Kap 16**.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, u tichad ukoll il-hames (5) talba attrici, **tilqa' t-talbiet attrici l-ohra** b'dan illi:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali *a mensa et thoro*, bejn il-kontendenti minhabba ragunijiet ta' minacci, ngurji gravi, theddid u sevizzi da parti tal-konvenut fil-konfront ta' l-attrici.

2. Tafda il-kura u kustodja tal-minuri Larissa u Matthew f'idejn l-attrici, bi dritt ta' access stabbilit ghall-konvenut kull nhar ta' Erbgha u Gimgha bejn l-4.00 p.m. u t-8.00 p.m b'dan li l-ulied ghandhom jittiehdu u jingiebu lura mill-konvenut mir-residenza tal-attrici u tali kura u kustodja w access kif ordnat ghandu jigi ezercitat minn kull parti, bl-eskluzjoni ta' terzi persuni tas-sess oppost li m'humiex membri tal-familja tal-partijiet.

3. Tiffissa retta alimentari fl-ammont ta' mija u erbghin lira Maltin (Lm140) fix-xahar, pagabbli mill-konvenut ghaz-zewg minuri bix-xahar 'il quddiem, liema retta alimentari ghandha titnaqqas direttament mill-paga tal-konvenut mas-socjeta` Dowty Automotive (Malta) Ltd, u tordna ghal dan l-iskop li kopja legali tas-sentenza ghandha tigi notifikata a spejjez attrici lill-istess socjeta` li timpjega lill-konvenut.

4. Tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess u tiddikjara li l-istess tikkonsisti fil-beni mobbli fuq elenkati u msemmija wkoll fl-affidavit ta' l-attrici (fol. 62 u 63); fid-depoziti bankarji u depoziti nvestiti ma' Calamatta & Cuschieri Brokers, kif jirrizulta minn fol. 73 tal-process; u mid-debiti mal-Bank HSBC fuq id-dar matrimonjali kif jinsab elenkat minn fol. 47 sa fol. 50 tal-process.

Illi l-Qorti tiddikjara wkoll li d-dar matrimonjali "Westham" Flat 2, Triq ic-Cawsli, Qormi hija proprjeta` akkwistata qabel iz-zwieg bejn il-partijiet, b'dan li tappartjeni nofs indiviz lill-attrici u nofs indiviz lill-konvenut, m'hijiex komodament divizibbli, u ghalhekk tordna l-bejgh in subbasta ta' l-istess immobbli, b'dan pero` li mir-rikavat tal-istess bejgh tad-dar matrimonjali ghandu jitnaqqas u li ghalhekk jithallas l-ewwel id-dejn li hemm mal-Banek fuq l-istess fond, u senjatament dak indikat mill-partijiet mid-dokumenti a fol. 70 sa 72 tal-process; u wkoll ghandha tithallas is-somma ta' hamest elef u hames mitt lira Maltija (Lm5,500) lill-attrici rapprezentanti l-kreditu parafernali taghha ghall-akkwist ta' l-istess fond matrimonjali, b'dan ukoll li sakemm isir l-istess bejgh il-konvenut ghandu jibqa' jhallas ir-rati mensili ta' l-istess self mal-bank fuq l-istess dar u wara tali bejgh tal-fond *de quo*, l-konvenut ghandu jigi rifuz l-ammonti kollha li huwa jkun hallas ratealment u mensilment b'effett mid-data ta' din is-sentenza. Illi ovvjament wara li jitnaqqsu dawn l-ammonti kollha, il-bilanc mir-rikavat ghandu jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet.

Illi l-oggetti mobbli li jinsabu fid-dar matrimonjali ghandhom jigu maqsuma billi l-attrici tiehu l-affarijiet tal-kcina, *half table*, kamra tas-sodda tat-tfal, TV *cabinet* u zewg sufani *three-seaters*, kif indikat a fol. 62 u 63 tal-process, u peress li dawn jidher li ghadhom fil-pussess tal-konvenut tippreffiggi terminu ta' erbghin (40) gurnata mill-lum, sabiex l-istess konvenut jikkonsenja l-istess mobbli lill-attrici. L-istess attrici ghandha tigi assenjata nofs id-depoziti bankarji u s-somom investiti ma' Calamatta & Cuschieri Brokers. Dwar id-deheb tal-minuri, dan jidher li diga` jinsab f'idejn l-attrici.

Illi l-konvenut qed jigi assenjat il-*wallunit*, zewg settijiet tat-*television*, kamra tas-sodda taghhom, u dak li baqa' mill-karozza Escort, apparti nofs id-depoziti bankarji u s-somom investiti ma' Calamatta & Cuschieri Brokers.

5. Tichad din it-talba sabiex jigu nominati Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att relattiv u kuraturi deputati biex jirrapprezentaw l-eventwali kontumaci, *stante* li jidher li m'hemmx bzonn ta' tali nomini.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

Illi fir-rigward tal-kontro-talba tal-konvenut din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet ta' l-attrci ghall-kontro-talba tal-konvenut, **tichad l-ewwel (1), it-tieni (2) u t-tielet (3), is-seba' (7) u t-tminn (8) talba tal-konvenut** fl-istess kontro-talba ghar-ragunijiet fuq indikati, u **tilqa' r-raba' (4), hames (5) u sitt (6) talba tal-konvenut fil-kontro-talba** tieghu bis-sens biss hawn deciz u kif fuq indikat, b'dan illi:

1. Tichad it-talba ghal dikjarazzjoni ta' pronunzja u separazzjoni personali bejn il-kontendenti fil-kuntest li din ghandha tigi attribbwibbli ghal xi tortijiet ta' l-attrici, u dan *stante* li kif jirrizulta aktar 'il fuq, is-separazzjoni personali giet dikjarata ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut;

2. Tichad it-talba sabiex il-kura u l-kustodja tal-minuri Larissa u Matthew tigi fdata f'idejn il-konvenut, anzi din giet fdata f'idejn l-attrici, b'access lill-konvenut kif indikat aktar 'il fuq;

3. Tichad it-tielet talba sabiex tiffissa manteniment ghall-imsemmija minuri skond il-mezzi ta' l-attrici rikonvenzjonata u l-htigijiet ta' l-istess minuri, liema manteniment ikun pagabbli mill-attrici fil-jum, hin u lok stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, u dan peress li l-konvenut ma ppruvax li l-attrici ghandha xi mezzi sabiex tmantni lil uliedha;

4. Tilqa' din it-talba ghax-xoljiment u terminazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet, u hawn tirreferi

ghal dak li nghad f'din is-sentenza in konnessjoni mar-raba' (4) talba tac-citazzjoni attrici;

5. Illi dwar il-likwidazzjoni ta' l-assi ezistenti fl-istess komunjoni ta' l-akkwisti l-Qorti tirreferi wkoll ghal dak li nghad f'din is-sentenza rigward ir-raba' (4) talba tac-citazzjoni attrici u hawn tikkonfermaha;

6. Rigward din it-talba, din qed tigi milqugha u hawn il-Qorti qed tirreferi wkoll ghal dak assenjat lill-konvenut abbazi tar-raba' (4) talba tac-citazzjoni attrici;

7. Illi din il-Qorti tirreferi ghal dak li nghad f'din is-sentenza ghar-rigward ir-raba' (4) talba attrici u b'mod partikolari ghall-fond matrimonjali li l-konvenut kellu nofs indiviz mill-istess, u filwaqt li tikkonferma dak minnha deciz skond ir-raba' (4) talba tac-citazzjoni attrici, mill-bqija ma jirrizultax li l-istess konvenut kellu xi beni parafernali ohra, u ghalhekk taht dan l-aspett u previa l-premess tichad din it-talba;

8. Tichad din it-talba sabiex jigu applikati kontra l-attrici s-sanzjonijiet kontemplati fid-dispozizzjonijiet ta' l-**artikoli 48 u 51 tal-Kodici Civili**, b'dan pero` li d-dispozizzjoni tal-**artikolu 48 1 (a) (b) u (d)** ghandhom jigu applikati fil-konfront tal-konvenut kif fuq premess.

Bl-ispejjez kollha ta' din il-kontro-talba kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------